MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 180/2009

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Emanuel Zahra**

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala ta' Gudikatura Kriminali talli fl-1 ta' Settembru, 2004 u fix-xhur ta' qabel, bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, fixkel lil Carmela Zahra fil-pussess tar-raba maghrufa tal-Qattus, limiti ta' Hal-ghaxaq u dan bi ksur ta' l-artikolu 85 tal-Kap. 9.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 ta' Mejju, 2009, li biha, sabet lill-appellant hati skond l-akkuza w ordnat illi johrog mill-parti illi huwa abbuzament akkaparra (l-art tan-nofs) fi zmien gimghatejn b'multa ta' €4.66 (ekwivalenti ghal LM2) sabiex l-ahwa Zahra jibqghu jgawdu l-art bil-qsim originali

w informali taghhom qabel l-agir abbuziv ta' l-appellant meritu ta' l-akkuza ai termini ta' l-artikoli 85 u 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, w, wara li rat l-artikoli 85 u 28A tal-Kap. 9, l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta kkundannatu bil-kundizzjoni illi ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fid-29 ta' Mejju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberah minn kull htija w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti:- 1. Dwar l-elementi procedurali ta' l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali, l-appellant jissottometti li dan l-artikolu jaghmilha cara li jrid ikun hemm tfixkil ta' persuna determinata fil-pussess ta' hwejjigha. Ghalkemm dar-reat ma jehtiegx il-kwerela tal-parti, hu essenzjali li dik il-persuna taghmel il-prova li giet imfixkla. Ghalkemm f' dal-kaz telghu jixhdu hafna mill-ulied ta' Carmela Zahra, ma setghux jissostitwixxu lilha fix-xiehda li kienet *sine qua non* bhala element tar-reat. Ma setghux jitkellmu bhala eredi taghha ghax hi ghadha hajja. Hi kellha titressaq quddiem il-Qorti jew quddiem il-perit legali w l-perit tekniku. Dan ma sarx. La dan l-element ma giex pruvat, allura r-reat ma setax jissussisti.  2. Dwar il-parti decizjonali, l-appellant jilmenta li kif inhi miktuba l-parti konkluzzjonali tas-sentenza hija legalment zbaljata. Fl-ewwel lok gie dikjarat mill-Ewwel Qorti li kienet qed *"tikkundannah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur."* L-artikolu 22 tal-Kap. 446 jaghmilha cara li dik mhux kundanna imma hija liberazzjoni bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor. Bl-istess mod, il-Qorti ikkwotat l-artikolu 28A u imponiet il-penali ta' LM2.00 kulljum wara gimghatejn kemm il-darba l-ahwa Zahra ma jkunux jistghu igawdu l-art bil-qsim originali w informali bejnithom. L-artikolu 28A hu rilevanti ghas-sentenza sospiza li ma kienx f' dan l-kaz. Il-penali li nghatat *"sabiex –ahwa Zahra*

*jibqghu igawdu l-art"* ma jaqbel xejn ma dik illi kienet l-imputazzjoni originali ghaliex il-parti li suppost sar ir-reat kontra l-pussess taghha kienet ta' Carmela Zahra. 3. Dwar il-fatti, l-appellant jikkontendi li bl-ebda mod ma jirrizulta li hu ghamel ir-reat in kwistjoni. Il-fatt li Carmela Zahra ma xehditx hu indizju car li dar-reat gie mahluq mill-ahwa w mhux minn Carmela Zahra. 4. Dwar il-piena, l-appellant jilmenta mill-impozizzjoni tal-penali taht l-artikolu 28A kwotat mill-Qorti li, barra li mhux legalment preciz, lanqas l-intenzjoni tieghu hija skond ic-citazzjoni imma ghal terzi li kienu biss xhieda fil-process.

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tad-9 ta' Lulju, 2009, li bih Dr. J. Brincat ghall-appellant talab li tinghata decizjoni fuq l-aggravju dwar l-aspett procedurali dwar l-eccezzjoni li l-mod kif inhi miktuba s-sentenza hija zbaljata.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi din l-eccezzjoni tohrog mit-tieni aggravju li jirrigwarda kif inkitbet il-parti decizjonali tas-sentenza. Illi huwa minnu li d-dicitura uzata kienet wahda legalment impreciza w infelici ghall-ahhar. Di fatti, wara li l-Ewwel Qorti ddikjarat li kienet qed issib lill-appellant hati skond l-akkuza, ghaddiet biex applikat mixxela jew *"cocktail"* ta' mizuri li la taf gewx applikati skond l-artikolu 23A tal-Kodici Kriminali w lanqas taht l-art. 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, ghax fil-fatt ghalkemm gew citati dawn iz-zewg artikoli, ebda wiehed minnhom ma jipprovdi ghal kundanna ghal hlas ta' penali, in difett ta' ottemperanza mal-ordni kontenut fis-sentenza. Se mai l-Ewwel Qorti jmissha ccitat is-subartikolu (2) tal-art. 85 li jirreferi ghall-artikolu 377 (5) tal-Kodici Kriminali f' kaz ta' non ottemperanza mal-ordni taghha ghall-izgumbrament mir-raba *de quo*. Lanqas jidher li fil-fatt giet erogata xi sentenza ta' prigunerija sospiza skond l-artikolu 28A tal-Kap. 9 citat mill-Ewwel Qorti, ghax li sar kien li gie applikat il-provvediment tal-<u>liberazzjoni kondizzjonata</u> skond l-art. 22 tal-Kap. 446, li mhix kundanna *per se*.

Pero' b' dana kollu, fil-fehma ta' din il-Qorti, dan in-nuqqas ma jwassalx ghan-nullita' tas-sentenza appellata imma, *se mai* w, jekk ikun il-kaz li tigi konfermata l-htija tal-appellant, ghall-riforma f' din il-parti decizjonali biex jigu eliminati xi inkongruwenzi li certament jezistu fis-sentenza.

Ghalhekk din il-Qorti qed tiddisponi minn din l-eccezzjoni f' dan l-istadju billi tiddikjara li l-izbalji li hemm fil-parti decizjonali tas-sentenza ma jwasslux biex tigi annullata s-sentenza appellata, imma biss biex issir riforma tal-istess sentenza, f' kaz li din il-Qorti tikkonferma l-htija tal-appellant. Ghalhekk tirrizerva li taghti rimedju opportun ghal din il-lanjanza *si et quatenus* fis-sentenza definittiva taghha dwar dan l-appell fil-mertu.

Konsegwentement qed tordna l-prosegwiment tal-kawza llum stess bi trattazzjoni fil-mertu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------